MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

## MAGISTRAT DR.
## LAURENCE QUINTANO

Seduta tas-17 ta' Ottubru, 2008

Numru 1000/2008

**Il-Pulizija**
**Sp Edel Mary Camilleri**
**Sp Johann J Fenech**
**vs**
**Doudou Bercy**
**Keba Seck**

**Il-Qorti**

**Rat l-imputazzjonijiet dedotti kontra Doudou Bercy ta' 34 sena iben Samba u Astou mwieled Senegal fid-19 ta' April 1974 u residenti f'indirizz Spanja, detentur ta' ID card Spanjola bin-numru E09400951 u passaport Senegaliz bin-numru 10400840.**

**U**

**Keba Seck ta' 32 sena ibenSamba u Awra mwieled Senegal fis-6 ta' April 1977 u residenti f'indirizz fi**

**Spanja, detentur ta' ID card Spanjola bin-numru X3940437 u passaport Senegaliz bin-numru 10398248.**

**Akkuzati talli fis-16 ta' Ottubru 2008 ghall-habta tat-8.00am kif wkoll fix-xhur ta' qabel fl-ajurport internazzjonali ta' Malta, ghamlu falsifikazzjoni jew xjentement ghamlu uzu minn xi dokument iehor ffalsifikat u dan bi ksur ta' l-Artikolu 189 tal-Ligijiet ta' Malta.**

**Ukoll talli taht l-istess cirkostanzi rcevew passaporti li gew trasferiti lilhom minn persuna/i ohra u dan bi ksur ta' l-Artikolu 3(b) tal-Kap 61 tal-Ligijiet ta' Malta.**

**Rat l-atti kollha tal-process inkluz id-dokumentazzjoni illi kienet pprezentata mill-prosekuzzjoni.**

**Rat l-ammissjoni ta' l-imputati ghaz-zewg ammissjonijiet, liema ammissjonijiet kienu kkonfermati wara li nghataw zmien bizzejjed biex jahsbuha.**

**Il-Qorti wara li rat l-Artikolu 189 tal-Kap 9, kif wkoll l-Artikolu 3(b) tal-Kap 61 tal-Ligijiet ta' Malta ssib lill-imputati hatja ta' l-imputazzjonijiet dedotti kontra taghhom u qed tikkundannahom wara li rat l-Artikolu 28 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta ghal sena prigunerija sospiza ghal sentejn kull wiehed. Il-Qorti wissiet lill-imputati dwar xi tfisser din il-piena.**

**Il-Qorti tordna li din is-sentenza tintbghat lill-Avukat Generali skond kif titlob il-ligi.**

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------